32005D0660

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Settembru 2005

dwar għajnuna Komunitarja fil-kuntest ta' miżuri ta' urġenza tal-ġlieda kontra l-bluetongue fil-Portugall fl-2004 u l-2005

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 3446)

(It-test bil-Portugiż biss huwa awtentiku)

(2005/660/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ta' l-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-*bluetongue* [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2)d tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3), (4) u (5), it-tieni inċiż, u l-Artikolu 5(3) tagħha,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Novembru 2004, fil-Portugall dehru xi każijiet ta' deni katarrali tan-nagħaġ (*bluetongue*). Id-dehra ta' din il-marda tirrappreżenta periklu gravi għall-merħliet tal-Komunità.

(2) Biex fl-iqsar żmien possibbli jiġi pprevenut it-tixrid tal-marda, il-Komunità għandha tipparteċipa fil-finanzjament ta' l-ispejjeż eliġibbli li jidħlu għalihom l-Istat Membru fil-kuntest tal-miżuri ta' urġenza għall-ġlieda kontra din il-marda, fil-kundizzjonijiet previsti mid-Deċiżjoni 90/424/KEE.

(3) Diversi deċiżjonijiet, speċjalment l-aktar waħda reċenti, jiġifieri d-Deċiżjoni 2005/393/KE [3] dwar iż-żoni ta' sorveljanza għall-*bluetongue* u l-kundizzjonijiet applikabbli għaċ-ċaqliq minn jew ġewwa dawn iż-żoni, ġew adottati mill-Kummissjoni sabiex jiġu definiti ż-żoni ta' sorveljanza u ta' ħarsien, u l-kriterji rekwiżiti għall-bhejjem li jkunu se jinħarġu min dawn iż-żoni jew jiċċaqilqu fi ħdanhom.

(4) Ġaladarba din hija marda li tiġi trażmessa minn "nemus", fost il-miżuri kollha previsti fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, huma pertinenti biss dawk li għandhom l-għan li jħarsu l-bhejjem mill-attakki ta' l-organiżmi li jġorru l-marda (trattamenti insettiċidi, il-ħruġ waqt il-ħinijiet ta' anqas attività ta' dawn l-organiżmi) kif ukoll dawk immirati lejn il-prevenzjoni tat-tixrid ta' l-epidemija permezz taċ-ċaqliq tal-bhejjem (Deċiżjoni 2005/393/KE). Il-qatla tal-bhejjem ta' l-ispeċijiet suxxettibbli mhijiex pertinenti ħlief fil-każ ta' l-annimali morda.

(5) Minħabba l-iżvilupp tal-marda, jeħtieġ li tiġi implimentata kampanja ta' tilqim fiż-żoni ta' ħarsien li ġew stabbiliti madwar iċ-ċentri fejn faqqgħet il-marda.

(6) It-tilqim huwa miżura li tippermetti, flimkien mal-miżuri pertinenti ta' eradikazzjoni:

a) it-tnaqqis tal-mortalità fl-ispeċi ovina;

b) il-prevenzjoni tal-viremja fl-ispeċi bovina, u li għaldaqstant tippermetti ċ-ċaqliq ta' annimali ta' din l-ispeċi miż-żoni li jkunu suġġetti għar-restrizzjoni.

(7) Skond l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [4], il-miżuri veterinarji tas-saħħa u dawk tas-saħħa tal-pjanti li jittieħdu skond ir-regoli tal-Komunità għandhom ikunu ffinanzjati taħt it-Taqsima "Garanzija" tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija; Il-kontroll finanzjarju ta' dawn l-azzjonijiet jaqa' taħt l-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament imsemmi.

(8) Il-ħlas tal-kontribut finanzjarju tal-Komunità għandu jkun suġġett għall-kundizzjoni li l-azzjonijiet programmati jkunu twettqu tassewu li l-awtoritajiet jagħtu t-tagħrif kollu meħtieġ fi skadenzi fissi.

(9) Fit-28 ta' Diċembru 2004, il-Portugall ippreżenta l-ewwel stima ta' l-ispejjeż fil-kuntest tal-miżuri ta' urġenza għall-ġlieda kontra l-marda; stima li ġiet aġġornata fil-25 ta' Frar 2005, u li laħqet EUR 9 005 320.

[1] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74.

[2] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2003/99/KE (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31).

[3] ĠU L 130, 24.5.2005, p. 22. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/603/KE (ĠU L 206, 9.8.2005, p. 11).

[4] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 103.

(10) Huwa xieraq li, minn issa, fl-istennija li jitwettqu l-kontrolli tal-Kummissjoni, tiġi ffissata s-somma ta' l-ewwel pagament parzjali ta' l-għajnuna finanzjarja tal-Komunità. Dan l-ewwel pagament parzjali għandu jkun ta' 50 % tal-kontribut KOmunitarju stabbilit fuq il-bażi ta' l-istima ta' l-ispejjeż għall-kumpens tar-raħħala għall-bhejjem u nefqiet oħra.

(11) Jeħtieġ li jiġi ppreċiżat il-kunċett ta' "kumpens mgħaġġel u adegwat għall-bdiewa li jrabbu l-annimali" li jissemma fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, flimkien mal-kunċetti ta' "ħlasijiet raġunevoli" u "ħlasijiet ġustifikati" u l-kategoriji ta' nefqiet eliġibbli bħala "nefqiet oħra" relatati mal-qatla obbligatorja tal-bhejjem.

(12) L-awtoritajiet Portugiżi qdew għal kollox l-obbligi tekniċi u amministrattivi tagħhom rigward il-miżuri previsti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 90/424/KEE.

(13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-kampnaja ta' titlqim

Il-kampanja ta' tilqim kontra l-*bluetongue* imwettqa mill-Portugall fiż-żoni elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2005/393, hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Għoti ta' appoġġ finanzjarju Komunitarju lill-Portugall

Il-Portugall għandu jibbenefika mill-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Komunità fl-infiq li sar fil-kuntest tal-miżuri ta' urġenza għall-ġlieda kontra l-marda *bluetongue* fl-2004 u l-2005.

1 fil-livell ta' 50 % ta' l-ispejjeż għal:

a) il-kumpens bla dewmien u adegwat tar-raħħala li ġew obbligati joqtlu l-bhejjem tagħhom taħt il-miżuri għall-ġlieda kontra l-każijiet ta' *bluetongue* li dehru fl-2004, konformement mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(2), is-seba' inċiż, tad-Deċiżjoni 90/424/KE u dawk ta' din id-Deċiżjoni.

b) l-infiq relatat mal-miżuri ta' qerda ta' l-annimali kkontaminati, ma' l-eliminazzjoni ta' l-insetti u ma' l-ispejjeż tat-tilqim, fil-kundizzjonijiet previsti rispettivament fl-Artikolu 3(2), it-tieni u t-tielet inċiż, u fl-Artikolu 3(4) u (5), it-tieni inċiż, tad-Deċiżjoni 90/42/KEE u f'din id-Deċiżjoni;

2. fil-livell ta' 100 % ta' l-ispejjeż għall-forniment tal-vaċċini, fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(4) u (5), it-tieni inċiż, tad-Deċiżjoni 90/424/KEE u f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

a) "kumpens rapidu u adegwat": il-ħlas, matul id-disgħin jum wara l-qatla tal-bhejjem, ta' kumpens li jikkorrispondi għall-valur fis-suq (il-prezz li l-proprjetarju jkun seta' jakkwista għall-annimal immedjatament qabel il-kontaminazzjoni jew il-qatla ta' dan, fil-qies xieraq tas-siwi, il-kwalità u l-età ta' l-annimal) li kellhom immedjatament qabel ma ġew ikkontaminati, maqtula jew meqruda;

b) "ħlasijiet raġunevoli": ħlasijiet għax-xiri ta' materjal jew ta' servizzi għal prezzijiet proporzjonati fi tqabbil mal-prezzijiet li kienu fis-suq qabel ma dehret il-marda tal-*bluetongue*;

c) "ħlasijiet ġustifikati": ħlasijiet għax-xiri ta' materjal jew ta' servizzi msemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, li n-natura tagħhom u r-rabta diretta tagħhom mal-qatla obbligatorja tal-bhejjem fl-istabbilimenti jkunu ġew murija.

Artikolu 4

Modalitajiet ta' ħlas ta' l-appoġġ finanzjarju

1. Soġġetta għar-riżultati tal-kontrolli eventwali msemmija fl-Artikolu 7, pagament inizjali ta' € 1 000 000 għandu jitħallas, bħala appoġġ finanzjarju tal-Komunità kif jissemma fl-Artikolu 2, għall-qatla obbligatorja, il-qerda tal-bhejjem, l-eliminazzjoni ta' l-insetti mill-istabbiliment u, jekk dan ikun il-każ, it-tilqim tal-bhejjem.

2. Il-bilanż ta' l-appoġġ finanzjarju tal-Komunità msemmi fl-Artikolu 2 għandu jiġi ddeterminat f'deċiżjoni ulterjuri adottata f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41 tad-Deċiżjoni 90/424/KEE.

Artikolu 5

Spejjeż eliġibbli koperti mill-appoġġ finanzjarju tal-Komunità

1. L-appoġġ finanzjarju tal-Komunità msemmi fl-Artikolu 2 ma jkoprix ħlief il-ħlasijiet ġustifikati u raġunevoli relatati ma' l-ispejjeż eliġibbli li jissemmew fl-Anness I.

2. In-nuqqas ta' osservanza min-naħa ta' l-awtoritajiet Portugiżi ta' l-iskadenza għall-ħlas li tissemma fl-Artikolu 3(a) għandha twassal għal tnaqqis tas-somom eliġibbli skond ir-regoli li jidhru hawn taħt:

— tnaqqis ta' 25 % għall-ħlasijiet li jsiru bejn 91 jum u 105 jiem wara l-qatla tal-bhejjem;

— tnaqqis ta' 50 % għall-ħlasijiet li jsiru bejn 106 jiem u 120 jum wara l-qatla tal-bhejjem;

— tnaqqis ta' 75 % għall-ħlasijiet li jsiru bejn 121 u 135 jum wara l-qatla tal-bhejjem;

— tnaqqis ta' 100 % għall-ħlasijiet li jsiru bejn 136 u 135 jiem wara l-qatla tal-bhejjem;

Madankollu, il-Kummissjoni tista' tapplika skeda differenti taż-żmien u/jew rati ta' tnaqqis iktar baxxi, jew saħansitra l-ebda tnaqqis, jekk iqumu kundizzjonijiet partikolari ta' ġestjoni għal ċerti miżuri, jew fil-każ li l-Portugall iressaq ġustifikazzjonijiet imsejsa fis-sod.

3. L-appoġġ finanzjarju tal-Komunità li jissemma fl-Artikolu (2) jeskludi:

a) it-taxxa fuq il-valur miżjud;

b) ir-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali jew aġenti pubbliċi;

c) l-ispejjeż relatati ma' l-użu ta' materjali pubbliċi, ħlief għal dawk konsumibbli;

d) il-kumpens li jirriżulta minn qatla għajr dik obbligatorja;

e) il-ħlasijiet ta' kumpens miġmugħa flinkien ma' appoġġi Komunitarji oħra, bħalma huma l-*premiums* tal-qatla, bi ksur tar-regoli Komunitarji;

f) il-ħlasijiet ta' kumpens relatati mal-qrid jew ir-rinnovazzjoni tal-bini ta' stabbiliment, l-ispejjeż infrastrutturali u l-infiq relatat mat-telf ekonomiku u mal-qgħad assoċjati mal-marda jew mal-projbizzjoni tal-popolament mill-ġdid.

Artikolu 6

Kundizzjonijiet tal-ħlas u dokumenti ta' ġustifika

1. L-appoġġ finanzjarju tal-Komunità li jissemma fl-Artikolu 2 għandu jitħallas fuq il-bażi ta' li ġej:

a) talba ppreżentata, f'konformità ma' l-Annessi II, III a u III b, fl-iskadenza ffissata mill-paragrafu 2;

b) id-dokumenti ta' ġustifika ta' l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 2, inkluż rapport epidemjoloġiku dwar kull stabbiliment li fih il-bhejjem ikunu nqatlu jew inqerdu, flimkien ma' rapport finanzjarju;

c) ir-riżultati ta' kontrolli eventwali mwettqa fil-post mill-Kummissjoni, kif jissemma fl-Artikolu 7.

Id-dokumenti msemmija fil-punt b hawn fuq għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għat-twettiq ta' verifiki.

2. It-talba msemmija fil-pragrafu 1, punt a, għandha tiġi ppreżentata fil-forma ta' fajl informatiku, f'konformità ma' l-Annessi II, IIa u IIIb, fi żmien 60 jum kalendarju mid-data ta' l-avviż ta' din id-Deċiżjoni. Fil-każ li din l-iskadenza ma tiġix osservata, l-appoġġ finanzjarju tal-Komunità jitnaqqas b'25 % għal kull xahar ta' dewmien.

Artikolu 7

Kontrolli fil-post imwettqa mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti Portugiżi, tista' twettaq kontrolli fuq il-post rigward l-implimentazzjoni tal-miżuri li jissemmew fl-Artikolu 2 u l-infiq relatat magħhom.

Artikolu 8

Destinatarju

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Portugall.

Magħmul fi Brussell, nhar il-15 ta' Settembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Spejjeż eliġibbli msemmija fl-Artikolu 5(1)

1. Spejjeż relatati mal-qatla obbligatorja tal-bhejjem:

   a) salarji u remunerazzjoni ta' l-istaff impjegat apposta għall-qatla;

   b) materjal konsumibbli u tagħmir speċifiku utilizzat għall-qatla;

   c) xiri ta' servizzi jew kiri ta' materjal għat-trasport tal-bhejjem lejn il-post tal-qatla.

2. Nefqiet relatati mal-qerda tal-karkassi u/jew tal-bajd:

   a) *rendering*: xiri ta' servizzi jew kiri ta' materjal għat-trasport tal-karkassi u/jew il-bajd lejn l-impjant tar-*rendering*, it-trattament tal-karkassi u/jew il-bajd fl-impjant tar-*rendering*, oġġetti konsumibbli u tagħmir speċifiku utilizzat għall-qerda tal-bajd, u l-qerda tal-materjal miħun;

   b) rdim: staff impjegat apposta, xiri ta' servizzi jew kiri ta' materjal għat-trasport u għar-*rendering* ta'-karkassi u/jew tal-bajd, u prodotti użati fid-diżinfezzjoni ta' l-istabbiliment;

   c) inċinerazzjoni, possibbilment fil-post: staff impjegat apposta, materjal ta' ħruq jew ta' tip ieħor li jkun intuża, xiri ta' servizzi jew kiri ta' materjal għat-trasport u għar-*rendering* ta'-karkassi u/jew tal-bajd, u prodotti użati fid-diżinfezzjoni ta' l-istabbiliment;

3. Spejjeż relatati ma' l-eliminazzjoni ta' l-insetti mill-istabbilimenti

   a) prodotti użati għall-eliminazzjoni ta' l-insetti;

   b) salarji u remunerazzjoni ta' l-istaff impjegat apposta.

4. Fil-kuntest tat-tilqim, l-ispejjeż eliġibbli jistgħu jkopru s-salarji u l-ħlasijiet lill-istaff li jkun ġie impjegat apposta, l-oġġetti konsumibbli u t-tagħmir speċifiku utilizzat għat-tilqim, u, jekk ikun il-każ, ix-xiri ta' vaċċini mill-Istat Membru, meta l-Komunità ma tkunx fil-qagħda li tipprovdi l-vaċċini meħtieġa għall-eradikazzjoni tal-marda.

ANNESS II

Talba għal kontribuzzjoni b'kumpens ta' l-ispejjeż tal-qatla obbligatorja tal-bhejjem

Lok konta-minat Nru	Kuntatt ma' lok konta-minat Nru	Nru ta' l-identità ta' l-istabbil-ment	Raħħal		Lok ta' l-istabbil-ment	Data tal-qatla	Metodu ta' qerda		Piż mal-qerda	Għadd ta' annimal skond il-kategorija							Somma mħallsa skond il-kategorija							Spejjeż oħra mħallsa lir-raħħal (min-għajr VAT)	Kum-pens totali (min-għajr VAT)	Data talħlas
			Kunjom	Isem			Clos d'équar-rissage	Autres (à pré-ciser)		nagħaġ			mogħoż			oħrajn	nagħaġ			mogħoż			oħrajn			
										nagħġa	kibx	ħaruf	mogħża	bod-bod	gidi		nagħġa	kibx	ħaruf	mogħża	bod-bod	gidi				

ANNESS III a

Talba għal kontribuzzjoni b'kumpens għall-ispejjeż l-oħra eliġibbli tal-qatla obbligatorja

"Spejjeż oħra" ta' l-istabbiliment Nru … (bl-esklużjoni tal-kumpens tal-valur tal-bhejjem)	
Intestatura	Somma mingħajr VAT
Qatla	
Qerda (trasport u trattament)	
Eliminazzjoni ta' l-insetti (salarji u prodotti)	
Total	

ANNESS III b

Talba għal kontribuzzjoni b'kumpens għall-ispejjeż l-oħra eliġibbli fil-kuntest tal-kampanja ta' tilqim kontra l-bluetongue

Spejjeż magħmula		
Kategorija ta' vaċċini	Numru ta' doži	Somma mingħajr VAT
Salarji u ħlasijiet (staff impjegat apposta)		
Oġġetti konsumibbli u tagħmir speċifiku għat-tilqim		
Total		